MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 12/2008/1

**APS Bank Limited**

**vs**

**George Micallef**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Novembru, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz prezentat fit-2 ta' Mejju 2008 il-bank qieghed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' tlett elef sitt mija u hmistax-il euro u hames centezmi (€3,615.05), rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-Agriplus Account

numru 20000054157 bl-interessi ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta’ Gunju 2007.

Rat ir-risposta prezentata fis-27 ta’ Ottubru 2008 il-konvenut eccepixxa li l-ammont pretiz hu ezagerat.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat:-

Mix-xiehda ta’ Louise Spiteri (seduta tal-25 ta’ Gunju 2008)[1] u d-dokumenti li pprezentat[2], hu evidenti li l-ammont pretiz hu dovut. Ma rrizultax li l-konvenut ghamel xi pagamenti fil-mori tal-kawza. Ghalkemm inghata l-opportunita’ sabiex iressaq il-provi in sostenn tad-difiza, fis-seduta tal-lum ma deherx u ma tressqux provi.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u tikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef sitt mija u hmistax-il euro u hames centezmi (€3,615.05), rapprezentanti bilanc ta’ debitu relattiv mal-Agriplus Account numru 20000054157, bl-interessi ta’ tmienja fil-mija (8%) mit-30 ta’ Gunju 2007.

Spejjez a karigu tal-konvenut.**”**

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Huwa jiddenunzja l-vizzju taghha bil-motiv ta’ lezjoni tal-principju fundamentali *audi alteram partem* ghar-ragunijiet li gejjin:-

(1) L-ewwel Qorti semghet lir-rapprezentanti tal-Bank attur minn qabel ma hu gie notifikat;

(2) Il-Qorti ma pprovdietx biex id-dokumenti esebiti mill-Bank attur jigu notifikati lilu;

---

[1] Fol. 7; *“...u llum l-ammont indikat fl-avviz hu l-bilanc li fadal.”*.

[2] Fol. 8.-16.

(3) Ma nghatax l-opportunita` li jikkontroezamina lix-xhud rapprezentanti tal-Bank;
(4) L-ewwel Qorti ma kkoncedietlux l-opportunita` sabiex iressaq il-provi tieghu;

B'mod generali ghandhom iservu ta' introduzzjoni ghall-ilment sottopost is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Daqskemm kull tribunal ghandu jirrispetta r-regoli fundamentali illi kull parti ghandu jkollha l-opportunita` li tressaq il-prova taghha u li taghmel dawk id-deduzzjonijiet li jidhrilha xierqa, daqstant iehor, pero`, hu mistenni li partijiet f'kawza jaghmlu uzu minn tali opportunita` personalment jew permezz ta' l-Avukat ta' fiducja taghhom;

(2) Id-disponibilita` tal-provi hi haga mhollija fl-inizzjattiva tal-parti u hu dan li ghandu l-poter esklussiv tad-decizjoni dwar il-valutazzjoni tal-provi li hu jixtieq igib 'il quddiem. Opportunement, ta' min ifakkar illi l-principju jibqa' dak generali fis-sens li l-oneru tal-provi jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti avvanzati biex issostni t-talba jew l-eccezzjoni;

(3) Terga', fil-kawzi quddiem Qorti Inferjuri hi vitali fil-kawza l-presenza personali tal-parti <u>jew</u> ukoll bil-mezz ta' wahda mill-persuni elenkati fl-Artikolu 180, Kapitolu 12 <u>jew</u> bil-mezz ta' avukat. Ara Artikolu 214 ta' l-istess Kapitolu 12;

Premess dan, kif inghad bosta drabi f'kazijiet simili ghal dik bl-appell propost, "il-Qorti ghandha d-dritt li tirregola l-gbir tal-provi waqt l-andament tal-kawza. Ghandha wkoll id-dritt li tindirizza lil kontendenti dwar liema provi jidhrilha xierqa biex tiddetermina l-vertenza u ghandha wkoll id-dritt li tiddispensa lill-partijiet mill-produzzjoni ta' xhieda u provi jekk fil-fehma taghha dawn ma jkunux jirrizultaw utli jew necessarji u jkunu allura superfluwi" ("**John F. Bernard *nomine* -vs- Monica Mizzi**", Appell Inferjuri, 28 ta' Ottubru 1994 per Imhallef Joseph Said Pullicino).

*Multo magis*, din ir-regolamentazzjoni hi, proceduralment, u skond il-volonta` tal-legislatur, hekk inkombenti quddiem Qorti Inferjuri, trattasi li skond l-Artikolu 215, Kodici tal-Procedura, il-kawzi jridu jitmexxew sommarjament u bl-akbar heffa li tkun kompatibbli ma' l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja;

Ipprecizat dan, fil-kaz in ezami ma jidherx li l-ilmenti ta' l-appellant jistghu jircievu favur. L-atti tal-kawza jidher li pprosegwa b'dan l-*iter*:-

1. Fil-25 ta' Gunju, 2008 il-Qorti semghet ix-xhud Louise Spiteri prodotta mill-Bank attur. In segwitu ghal din l-udjenza gie notifikat il-konvenut li pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;

2. Fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2008 dehru l-Avukati difensuri tal-kontendenti pero` l-konvenut talab li jkun skuzat ghaliex skond ir-rapprezentanti legali tieghu kien indispost. Ma gie esebit ebda certifikat mediku;

3. Fl-20 ta' Novembru, 2008, u cjoe erbat ijiem qabel id-data ghal liema kienet iddifferita l-kawza ghal provi tieghu, il-konvenut intavola rikors ghal differiment ghaliex, skond hu, fl-24 ta' Novembru, 2008 kien ser ikun impenjat minn spezzjoni fir-razzett tieghu minn ufficcjali barranin. Il-Qorti ddegretat dan ir-rikors fil-21 ta' Novembru, 2008. Fih inghad illi l-attur (*recte,* konvenut) seta' finalment jaghmel arrangamenti alternattivi biex jidher u jixhed fis-seduta jew altrimenti jipprevalixxi ruhu minn rimedji ohra disponibbli biex jipprezenta x-xhieda tieghu;

4. Fl-24 ta' Novembru, 2008, ghalkemm deher l-Avukat tal-konvenut, l-istess konvenut baqa' ma attendiex u l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi bhala maghluq u ghaddiet fl-istess jum ghad-decizjoni;

Jinzel minn dan ghal dak li hu ovvju illi l-konvenut appellanti la ressaq ix-xhieda tieghu permezz ta' Affidavit

u, kieku stess ma kienx in grad li jattendi, lanqas ma haseb biex iharrek lix-xhud tal-Bank attur ghall-iskop tal-kontro-ezami. Dan meta kellu z-zmien opportun li hekk jaghmel. Kif minn din il-Qorti anterjorment osservat, l-appellanti jmissu jifhem u japprezza illi d-disposizzonijiet procedurali ta' kif u meta ghandhom jitressqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet okkorrenti huma mizura ta' dixxiplina u ta' sikurezza processwali li jridu dejjem jitharsu. "Il-parti f'kawza ma tistax l-ewwel ma tosservax dawn ir-regoli procedurali biex wara tilmeta li d-dritt taghha gie miksur. Din mhix kwestjoni ta' formalizmu zejjed jew eccessi imma ghaliex jiddependi mill-osservanza taghhom l-andament kif imiss tal-process" ("**Aplan Limited -vs- Etienne Formosa**", Appell Inferjuri, 15 ta' Novembru, 2006);

Ghal aktar precizazzjoni, imbaghad, proprju sa recentement hafna l-Qorti ta' l-Appell kolleggjali b'abbracc ta' l-enuncjazzjoni in re: "**Vassallo -vs- Bondin *et***" (Appell, 5 ta' Ottubru, 2001), regghet irrepetiet illi "m'hemmx ghalfejn jinghad wisq dwar l-import tal-principju *audi alteram partem* fis-sens illi dan ma kienx jimporta illi l-parti in kawza setghet tabbuza bil-process gudizzjarju u taghzel li tinjora d-direttivi tal-Qorti fil-kondotta tal-process. Kien principju li jobbliga lill-parti ghall-kuntrarju li ssegwi *ad unguem* ir-regoli procedurali kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process. Jekk wiehed jaghzel li jinjora dawk ir-regoli jaghmel dan a riskju tieghu. Certament il-Qorti kienet obligata illi tassigura illi mhux biss id-direttivi taghha jigu debitament u tempestivament obduti imma wkoll li hadd ma jithalla jostakola l-kors tal-gustizzja mill-osservanza taghha." Ara "**Alfred Vella *proprio et nomine* -vs- Kummissarju tal-Pulizija *et***", 3 ta' April, 2009 u, fl-istess sens, dejjem mill-istess Qorti, is-sentenza fl-ismijiet "**Charles Mattocks -vs- Dr. Anthony Gruppetta *nomine***", 27 ta' Gunju, 2008;

Qaghda bhal din kienet diga` giet affrontata mill-Qorti Kostituzzjonali in re: "**Joseph Grech -vs- L-Avukat**

**Generali**", 20 ta' Dicembru, 2000, fejn fiha gie rilevat illi jekk il-parti tonqos fil-kondotta processwali taghha ma tkunx tista' tilmenta li ma nghatatx smiegh xieraq skond il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni. Anzi, hi setghet biss tlum lilha nnifisha illi tkun tilfet, kienet x'kienet ir-raguni, l-opportunita` taghha skond ir-regoli procedurali li jiggvernaw il-process;

Meqjusa mill-perspettiva ta' din il-gurisprudenza pacifika l-ebda wahda mill-obbjezzjonijiet imqanqla mill-appellanti ma tista', fis-sewwa, titqies attendibbli. Jibqa' dejjem imperanti l-osservazzjoni illi sta ghall-parti li ssegwi l-andament tal-kawza u li tattiva ruhha, b'diligenza, biex tezamina u tikkontrolla l-process u l-atti kollha tieghu, kompriz ix-xhieda mismugha u dokumenti esebiti li talvolta jkunu prezentati, ukoll jekk tkun ghad ma gietx notifikata. Wara kollox, ma jistax legittimament jinghad illi ghax il-Qorti tkun semghet xi prova *ergo* dik il-prova ma tiswiex jekk il-parti kuntrarja ma tkunx issubiet pregudizzju ghax ikollha l-beneficcju pjen, kif hekk inhu l-kaz hawnhekk, li tikkontroezamina lix-xhud dwar dik il-prova. Ara "**R. von Brockdorff Insurance Agency Ltd *nomine* -vs- Falcotrans Limited *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Ottubru, 2003, citata mill-Banka appellata fir-risposta ta' l-appell taghha.

Ghal motivi kollha predetti l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------